MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2007

Citazzjoni Numru. 56/2007/2

Loretu u Antonia konjuġi Xuereb .

Vs

Paul Axiak .

Il-Qorti ,

Rat ir-rikors ġuramentat illi permezz tiegħu r-rikorrenti, wara li ppremettew :

1. Illi l-esponenti konjuġi Xuereb permezz ta' ftehim datat erbatax (14) ta' Lulju tas-sena elfejn u ħamsa (2005) krew lil Paul Axiak il-ħanut ossia bar u restaurant bin-numru uffiċċjali sittax u sbatax (16 + 17) Triq Manoel de Vilhena, Mgarr, Għajnsielem, Għawdex u kopja ta' liema ftehim qed tiġi annessa ma' dan ir-rikors bħala Dokument "A" ;

2. Illi l-istess Paul Axiak kellu jħallas kera ta' tletin liri Maltin (Lm30) kuljum u l-istess kera kellha titħallas kull tlett xhur bil-quddiem .

3. Illi Paul Axiak minkejja diversi interpellazzjonijiet naqas li jħallas il-kera ta' dan il-fond b'effett minn Settembru tas-sena elfejn u sitta 'l quddiem . Infatti l-aħħar kera li tħallset mill-istess Paul Axiak lill-esponenti konjuġi Xuereb kienet ta' Awissu tas-sena elfejn u sitta (2006) ;

4. Illi ai termini tal-ftehim indikat aktar 'l fuq u preċiżament għal kundizzjoni numru tnejn (2) tal-istess ftehim l-esponenti għandhom id-dritt li jitterminaw il-kirja u jieħdu lura l-fond minn għand il-kerrej/inkwilin ;

5. Illi minkejja li l-esponenti tterminaw il-kirja w anke infurmaw b'dan lil Paul Axiak dan minn naħa tiegħu qed jirrifjuta li jgħaddi l-fond lura lill-esponenti konjuġi Axiak .

Talbu lill-konvenut jgħid għaliex din il-Qorti ma għandhiex :

1. Tiddikjara illi l-intimat Paul Axiak ma ħallas il-kera b'effett minn Settembru 2006 sal-lum kif obbligat li jagħmel bil-ftehim tal-erbatax (14) ta' Lulju 2005;

2. Tordna lill-konvenut iħallas l-istess kera kif dovuta lill-esponenti konjuġi Xuereb ;

3. Tiddikjara li l-kirja tal-fond bin-numru sittax u sbatax fi Triq Manoel de Vilhena, Mgarr, Għajnsielem, Għawdex ġiet terminata stante li Paul Axiak naqas li jħallas il-kera kif miftiehem ;

4. Konsegwentament tordna li fi żmien qasir li jiġi prefiss minn din l-Onorabbli Qorti l-istess Paul Axiak jiġi ordnat jiżgombra minn dan il-fond .

Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċċjali w ittri interpellatorji kollha kontra l-intimat Paul Axiak li jibqa' minn issa inġunt għas-subizzjoni .

Rat ir-riferta pożittiva tal-konvenut Paul Axiak li ġie notifikat b'dan ir-rikors fid-29 ta' mejju 2007 . Innutat illi l-istess konvenut baqa' ma weġibx ghal dan ir-rikors, u għal hekk baqa' kontumaċi . Innutat ukoll li fl-udjenza tal-20 ta' Ġunju 2007 ġew preżentati l-kapitoli fil-konfront ta' l-istess konvenut . Innutat ukoll illi l-istess konvenut imsejjaħ tlett darbiet naqas li jattendi għal l-udjenza tal-lum, għal liema data kienet ġiet differita din il-kawża .

Il-Qorti għal hekk, wara illi ssejjaħ tlett darbiet il-konvenut, fetħet il-kapitoli, tiddikjara l-istess kapitoli ammessi, u għal hekk tiddeċidi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi :

1. Tiddikjara illi l-intimat Paul Axiak ma ħallasx il-kera dovuta kif ingħad fl-istess rikors b'effett minn Settembru 2006, sad-data tal-preżentata ta' l-istess rikors, kif obbligat li jagħmel bi ftehim ta' l-erbataxs (14) ta' Lulju 2005 ;

2. Tordna lill-konvenut iħallas din il-kera kif dovuta lir-rikorrenti konjuġi Xuereb :

3. Tiddikjara li l-kirja tal-fond bin-numru sittax u sbatax fi Triq Manoel De Vilhena, Mgarr, Għajnsielem, Ghawdex ġiet terminata stante li Paul Axiak naqas li jħallas il-kera kif miftiehem ; u

4. Konsegwentement tordna li fi żmien xahar mil-lum, l-istess Paul Axiak jiġi ordnat jiżgombra minn dan il-fond .

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali u l-ittra interpellatorja mibgħuta kontra l-istess Paul Axiak kollox ikun a karigu ta' l-istess intimat .

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------